**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta' April, 2018

Rikors Nru : 30/18AL

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fis-26 ta' Frar 1994 fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal-Ghaxaq (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dok. A**);

2. Illi l-esponent jiddikjara illi minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

3. Illi l-kontendenti nfirdu legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Pubbliku Dottor Josef C.

Masini Vento fid-19 ta' Settembru 2012 (kopja awtentikata hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. B**);

4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-kontendenti kienu rrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jircievu manteniment minghand xulxin (Artikolu 4 tal-istess kuntratt);

5. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;

6. Illi l-esponent qieghed jannetti affidavit tieghu li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dok. C**;

7. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, l-intimata tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl- Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat ir-rikors li gie kkonfermat mir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Affidavit tar-rikorrenti

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Jannar 2018;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruva illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-19 ta' Settembru 2012;

Illi l-Qorti rat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.